**Parlament Ewropew**
2024-2029

*Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

**2024/0000(BUD)**

2.7.2024

# ABBOZZ TA' OPINJONI

tal-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

għall-Kumitat għall-Baġits

Baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2025 – it-taqsimiet kollha
(2024/0000(BUD))

Rapporteur għal opinjoni: Daniel Buda



*Magħquda fid-diversità*

## OPINJONI

Il-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali jistieden lill-Kumitat għall-Baġits, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jieħu nota tal-EUR 53,75 biljun f'impenji u l-EUR 51,12 biljun f'pagamenti għall-agrikoltura; jiddispjaċih bit-tnaqqis meta mqabbel mal-2024 u jitlob żieda fil-baġit meta dak li jkun iqis l-isfidi li l-bdiewa se jkollhom quddiemhom fl-2025;

2. Ifakkar li l-bdiewa u l-komunitajiet rurali huma atturi kruċjali fil-kwalità u fl-aċċessibbiltà ekonomika tal-ikel u fil-konservazzjoni taż-żoni rurali;

3. Jiddeplora l-effetti kaskata negattivi kontinwi li għandha l-gwerra tar-Russja kontra l-Ukrajna fuq l-agrikoltura Ewropea, bħall-prezzijiet għoljin tal-input, l-inflazzjoni jew id-disturbi fis-suq;

4. Jissottolinja li d-deflatur ta' 2 % tal-QFP ma jikkumpensax għat-telf tal-valur marbut mal-inflazzjoni; jinnota li l-pagamenti diretti naqsu f'termini reali minħabba l-inflazzjoni, filwaqt li żdied il-piż amministrattiv fuq il-bdiewa;

5. Jiddeplora t-tnaqqis fil-baġit tal-PAK fir-reviżjoni tal-QFP u jitlob żieda fil-baġit tal-PAK fil-QFP li jmiss biex jiġu żgurati s-sigurtà tal-ikel u introjtu ġust għall-bdiewa;

6. Jilqa' l-pakkett reċenti ta' simplifikazzjoni tal-PAK u jinnota li ma għandu l-ebda impatt baġitarju; jitlob miżuri u riżorsi addizzjonali biex jiġu indirizzati l-kawżi tal-iskuntentizza tal-bdiewa madwar l-UE;

7. Jitlob li jissaħħu l-miżuri ta' appoġġ għall-bdiewa żgħażagħ;

8. Jistieden lill-Kummissjoni tipprovdi finanzjament suffiċjenti għar-riżerva agrikola biex tissalvagwardja s-sigurtà tal-ikel;

9. Jisħaq fuq il-ħtieġa ta' distribuzzjoni ġusta tal-appoġġ tal-PAK fost l-Istati Membri, inklużi l-pagamenti diretti;

10. Jitlob li jiżdied il-baġit tar-riċerka ta' Orizzont Ewropa għall-agrikoltura; jenfasizza r-rwol vitali tal-innovazzjoni għal agrikoltura aktar kompetittiva u sostenibbli, kif ukoll l-importanza tat-trasformazzjoni diġitali;

11. Jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġu indirizzati aħjar l-impatt tal-għargħar, tan-nixfiet u tan-nirien fuq il-produzzjoni primarja, is-sigurtà tal-ikel u l-introjtu tal-bdiewa.